MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

14 ta' Mejju, 2018

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li:

## Is-Sur Gaetano Busuttil

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal- Konsumaturi.

Il-konsumatriċi kienet użat is-servizzi tal-bejjiegħ għall-ħjata ta' libsa għat-tieġ ta' bintha. Minħabba li l-qisien ma kinux tajbin, il-libsa ġiet issikkata żżejjed u kellha tmur għand ħajjat ieħor. Il-libsa sarulha ukoll ħafna tibdiliet. Hija talbet li tingħata lura s-somma ta' €252.33 li ħallset għad-drapp.

It-Tribunal qal li l-konsumatriċi kien imissha ġibdet l-attenzjoni tal-bejjiegħ li l-qisien ma kinux korretti. Mill—banda l-oħra, il-bejjiegħ ma missux aċċetta s-suġġerimenti tal-konsumatriċi, fosthom li jinbidel iż-żipp, jekk dan kien ifisser li l-prodott finali ma kienx ser jiġi sew.

Waqt li rrimarka li jidher li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni effettiva bejn il-partijiet, it-Tribunal laqa' *in parte* it-talbiet tal-konsumatriċi u attribwiet ir-responsabbilta' liż-żewġ naħat. It-Tribunal ordna lill-bejjiegħ iħallas lura is-somma ta' €100 lill-konsumatriċi u l-ispejjeż tat-Tribunal.

Josephine Borg

Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)